MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 239/2004

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Mark Anthony Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Anthony Buttigieg talli nhar is-16 ta' April 2003 ghall-habta tat 8.30 p.m. fil-Kalkara:

a) ikkaguna hsara volontarja fil-proprjeta` ta' Joe Mizzi M.P. u cioe` mal-bieb ta' wara tar-residenza tieghu, liema hsara tammonta ghal inqas minn hamsin liri Maltin (Lm50) u dan ghad-detriment ta' l-istess Joe Mizzi M.P.;
b) ukoll talli fl-istess data, lok u hin, hedded bi kliem lil diversi familjari ta Joe Mizzi M.P.;

c) ukoll talli fl-istess data, lok u hin, kiser il-mistrieh pubbliku b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;
d) ukoll talli fl-istess data lok u hin, bhala membru fil-Korp tal-Pulizija, ta' Malta, u ghaldaqstant ufficjal pubbliku, sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mark Anthony Buttigieg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkunndannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitt liri Maltin (Lm100), filwaqt li rrakkommandat li l-appellant (allura imputat) m'ghandux jitlef xoghlu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija u tvarja l-istess sentenza billi flok il-piena ta' mitt lira multa tigi nflitta piena karcerarja jew piena ohra skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Jghid li l-multa ta' mitt lira (Lm100) li imponiet l-ewwel Qorti bla ebda mod ma tirrifletti l-gravita` tal-kaz li kien jimmerita piena karcerarja, specjalment meta wiehed jikkonsidra li bhala Ufficjal tal-Pulizija l-appellat kellu jaghmel hiltu kollha biex jara li ma tinkisirx il-ligi u minflok kiser il-ligi hu stess bl-aktar mod lampanti. Ghalhekk, skond l-appellant, ghandha tigi inflitta piena karcerarja.

In materja ta' piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u

ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Il-piena ghar-reat taht l-ewwel imputazzjoni - hsara volontarja f'ammont li ma jiskorrix ghaxar liri skond il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 325 tal-Kap. 9 (il-hsara fil-fatt irrizultat fl-ammont ta' hames liri (Lm5) - hija ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet. B'zieda ta' grad skond l-artikolu 141 tal-Kap. 9, il-piena ta' prigunerija titla' ghal massimu ta' sitt xhur[2] filwaqt li l-piena ghall-kontravvenzjonijiet titla' ghall-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur[3]. Il-piena dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet hija dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet. Ghalhekk b'zieda ta' grad bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 141 tal-Kap. 9, dik il-piena titla' wkoll ghall-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur. Bis-sahha tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 imbaghad, persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla jew ta' l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra. Il-massimu tal-multa, fejn il-ligi ma tghidx espressament mod iehor, huwa hames mitt lira (Lm500) u l-minimu huwa ghaxar liri (Lm10)[4]. Minn dan kollu huwa evidenti ghalhekk li l-multa ta' mitt lira (Lm100) inflitta fuq l-appellat hija entro l-parametri tal-ligi.

L-appellant jidhirlu li kellha tigi inflitta piena karcerarja minhabba l-fatt li l-appellat huwa ufficjal tal-pulizija, u waqt it-trattazzjoni d-difensur ta' l-appellant iddeskriva l-incident bhala wiehed serjissimu. Da parti tieghu d-difensur ta' l-appellat fiehem lill-Qorti r-retroxena kollha ta' dak li gara. Minn ezami tas-sentenza appellata huwa evidenti li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kellu

---

1 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.
2 Artikolu 31(1)(b)(xiv)(xiii) tal-Kodici Kriminali.
3 Artikolu 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali.
4 Artikolu 11(1) tal-Kodici Kriminali.

jittiehed in konsiderazzjoni qabel ma esprimiet ruhha kontra li tigi applikata piena ta' prigunerija. Fil-fatt hija qalet li l-appellat "agixxa b'manjiera li halla l-emozzjonijiet jisfukaw ir-raguni. U ta' dan l-imputat ghandu jassumi u jaccetta r-responsabbiltajiet tieghu kif jidher li assuma u accetta. Certament ma kienx f'loku u l-waqt li jipprovoka s-sensibiltajiet ta' haddiehor lanqas li kieku ma kienx ufficjal pubbliku wisq izjed ghalhekk li kien." Din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Qorti peress illi, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, il-fedina penali ta' l-appellat, u wara li kkunsidrat dak kollu li gie sottomess mill-abbli difensuri tal-partijiet, ma ssibx li hemm ragunijiet sufficjenti li jistghu jwassluha biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------